# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija

# BURMARRAD



**Tel: 21573045/ Fax:21578118**
**www. parroċċaburmarrad.com**
**email:parbur@waldonet.net.mt**



## *LEĦEN IL-PARROĊĊA - Novembru 2010 - NRU. 338*


Għeżież ħuti, il-paċi magħkom,

Kull min iżomm il-Kelma ta' Kristu fih hemm tassew l-imħabba ta' Alla fil-milja tagħha.

Ix-xahar ta' Novembru aħna niftakru kemm fil-Qaddisin kollha kif ukoll fl- għeżież tagħna li diġa marru jiltaqgħu mal-ħallieq, għaliex aħna nafu li trab konna u trab irridu nerġu nsiru. Il-ħajja tagħna hija passaġġ hawn fid-dinja u għalhekk kemm jista' jkun irridu nippruvaw magħmlu mill-aħjar biex ngħixu ħajja tajba. Il-Fidi tagħna Nisranija titlob impenn, x'jiġifieri: jekk aħna minn dak li Alla qiegħed jagħtina fil-ħajja tagħna nipruvaw nagħmluh tajjeb allura inkunu qegħdin nagħmlu teżor tagħna fis-sema pajjiżna, u aħna imsejħin għal dan it-teżor tagħna.

Il-Kummisjoni Kateketika kif għamlet is-sena l-oħra ħasbet li din is-sena tibda kors iehor ta' formazzjoni. Is-sena l-oħra rajna li s-Sagramenti huma ħafna importanti fil-ħajja tagħna. Kull Sagrament jagħtina grazzja ta' Alla l-imbierek, u meta nersqu għas-Sagramenti irridu inkunu preparati tajjeb għaliex is-Sagramenti huma imwaqfin minn Ġesu' Kristu innifsu u mhux mill-Knisja, il-Knisja imbagħad tagħthom il-forma li aħna illum nafu bihom għaliex iż-żmien qiegħed jinbidel u għalhekk wieħed irrid jaddatta għaż-żmien li ikun fih, għalhekk għeżież is-Sagramenti ma irridux neħduhom "for granted, u meta jiena ninduna li f'tali Sagrament mhux qiegħed tajjeb ftakar li ma tistax tirċievi l-ebda Sagrament ieħor.

U hawn jorbot il-kors li sejjer issir din is-sena, fejn flimkien sejrin nitkellmu fuq il-Kmandamenti, nafu kemm huma imma ħafna drabi ma nafux li kull Kmandament kemm jimplika affarijiet ġewwa fih. Għalhekk tajjeb u inħeġġeġ li flimkien niġu ħalli naraw il-Kmandamenti kif aħna sejrin naplikawhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum, biex hekk ma nkunux qegħdin nonqsu mid-dmir tagħna ta' insara, kif ukoll kemm il-Kmandamenti kif ukoll is-Sagramenti huma maqgħudin flimkien.

*Ikompli fit-2 paġna*

P. Joe Buttiegieg Franġiska Kapuccin. Huwa kors tajjeb għal kulħadd għ aliex li nitgħalmu huwa dejjem important fil-ħajja, qatt ma huwa biżżejjied dak li nafu, imma l-iżjed important għal dawk il-ġenituri li għadhom qegħdin irabbu t-tfal, mhux biss tfal żgħar imma ukoll adoloxxenti u żgħażagħ. Is-soċjeta qeda' tinbidel, kif ukoll il-mentalita' tagħna u għalhekk għeżież irridu inkunu nafu f'dan iż-żmien kif lil uliedna sejrin nagħlmuhom valuri tajbin fuq sisien tajba. Irridu nibdew aħna jekk irridu li għada jkolna familji tajbin u b'saħħithom. **Għalhekk Nistennikhom**.

Tkunu imberkin

P. Donald M. Bellizzi OFM. Conv - Kappillan

# Djarju Novembru

**It-Tlieta 2:** Hike għat-tfal minn 6 snin il fuq. Ġenituri jistgħu jattendu ukoll.

Festa Mejtin kollha quddiesa Konċelebrata mil- Komunita' tal-Patrijiet u animata mill-Kor tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija.

**L-Erbgħa 3**: Wara quddiesa ta' filgħaxija Lectio Divina

**Il-Ħamis 4:** L-ewwel Ħamis tax-xahar. Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' Rabat tluq minn fejn il-Knisja fil-12.00pm.

**Il-Gimgħa 5**:L-Ewwel ġimgħa tax-xahar. Lejl ta' Adorazzjoni fil-Parroċċa organizzata minn radju Marija fejn tkun trasmessa fuq l-istess radju. Il-ħin huwa mill-10.00pm sa 4.00am. Kulħadd huwa mistieden għal din l-adorazzjoni biex inkunu qrib tal-Mulej Ġesu'.

**Is-Sibt 6:** L-ewwel Sibt tax-xahar. Fil- 5.00pm adorazzjoni b'ripa-razzjoni għal-offizi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija.

**It-Tlieta 9:** Fil-5.00 pm adorazzjoni tal- Ħniena Divina, fil-Parroċċa.

**Is-Sibt 13:** Festa ta' San Martin. Attivita' għat tfal. dettalji iżjed tard.

**Il-Ħadd 14:** Laqgħa gruppi familji Insara fis-sala tal-Kunvent fl-10.30

**L-Erbgħa 17**: Lectio Divina wara l-quddiesa ta' filgħaxija.

**Il-Gimgħa 19: l-ewwel laqgħa fuq il-Kmandamenti**: ser isiru minn P. Joe Buttigieg fil-knisja fl-4.30pm.

**Il-Ħadd 21**: **Festa ta' Kristu Re**

**Il-Ħadd 28**: **L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**; Nofs ta' nhar irtir għal parroċċa kollha bi preparazzjoni għal-Milied. Dan ser isir mid-9.30am – 12.30pm fil-kappella tas-Salina. Dettalji iżjed tard. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

# Ħsieb Spiritwali

## KOLLOX IGĦIB, TIBQA' BISS L-IMĦABBA

Il-Knisja Kattolika tiddedika x-xahar ta' Novembru għat-talb għal dawk kollha li għaddew għall-ħajja ta' dejjem u li qegħdin fl-aħħar stadju ta' purifikazzjoni. Il-Knisja tgħallem illi fl-aħħar se jkun hemm il-Ġudizzju, il-Purgatorju, l-Infern u l-Ġenna. Kull bniedem se jkun iġġudikat minn Alla, kemm fil-mument tal-mewt (il-Ġudizzju Partikolari) u anke meta l-Mulej jerġa' jiġi fil-glorja (il-Ġudizzju Universali). Fid-dinja tal-lum ħafna ma jħossuhomx komdi jitkellmu fuq dawn l-aħħar realtajiet. Il-Knisja ma tfakkarniex f'dan sabiex noqogħdu nitbezzgħu, anzi, sabiex nieħdu ħajjitna aktar bis-serjeta' u ma nintilfux fuq il-ħwejjeġ li jgħaddu.

Tajjeb li niftakru li:

***<u>Alla hu ħanin</u>*** Ġesu' l-Iben t'Alla, bata u miet biex kull wieħed u waħda minna immorru nifirħu fil-Ġenna miegħu għal dejjem. Alla jixtieq is-salvazzjoni tagħna aktar milli qatt nistgħu nixtiequha aħna stess. Il-ħniena t'Alla tibqa' magħna sakemm għadna fuq din l-art.

***<u>Alla hu ġust</u>*** Aħna rridu nirrispondu għad-dnubiet kollha tagħna. Xejn ma jibqa' moħbi, kollox għad irid joħroġ għad-dawl. Il-ġustizzja t'Alla tibda f'din id-dinja u titkompla fl-eternita'.

Għalkemm aħna qatt ma nistgħu ikollna l-qawwa li nsalvaw lilna nfusna, għax is-salvazzjoni rebaħielna Ġesu Kristu, għandna dejjem infittxu li ngħixu fi stat ta' grazzja. Bħala nsara għandna nirċievu spiss is-sagramenti, dawk tal-qrar u tat-tqarbin, u nfittxu dejjem li nagħmlu t-tajjeb. Fuq kollox, ma ninsewx li se nkunu ġġudikati fuq l-imħabba. Ma nistgħux nibqgħu kuntenti għaddejjin niġġudikaw lil xulxin, inweġġgħu lil xulxin, ngħidu fuq xulxin, nissuspettaw ħażin f'xulxin, nirredikolaw lil xulxin, ngħiru għal xulxin……u nistennew li se naraw wiċċ Alla, la f'din id-dinja u lanqas fl-eternita'. Alla qiegħed jipprova jonqox ix-xbieha tiegħu fir-ruħ tagħna. Jekk ir-ruħ ma tkunx perfetta, hija ma tkunx tiflaħ tidher quddiem il-prezenza t'Alla.

Nitolbu għal xulxin ħalli l-imħabba vera tibda tegħleb in-nuqqas kbir ta' mħabba li hemm ġo fina, u nitolbu wkoll għall-erwieħ tal-purgatorju u nitolbuhom jitolbu għalina.

# Rokna għat-Tfal - Novembru 2010

Ħellow tfal,

Kif intom? Nispera li tinsabu b'saħħitkom u ferħanin fil-klassi l-ġdida ta' din is-sena. Issa diġa' ilkom xahar pero xorta għadkom f'sena ġdida tal-iskola. Ċerta li intom ilkoll għandkom ħafna xewqat u tixtiequ tmorru ħafna tajjeb matul din is-sena skolastika. Min jaf kemm hawn minnkom li għamiltu xi xewqat minn dawn:

- Tagħmel ħbieb ġodda
- Toqgħod attent/a fil-klassi
- Tikteb pulit
- Ma toqgħodx tpaċpaċ mal-ħbieb waqt il-lezzjonijiet
- Iżomm il-pitazz u l-kotba fl-ordni
- Tibda tistudja aktar
- u aktar....

Dawn huma xewqat verament sbieħ li jsebbħuk ħafna bħala student għax b'hekk tkun l-istudent ideali. Tibda tħossok speċjali wkoll. Minbarra li l-ġenituri u l-għalliema, il-Mulej jieħu ħafna gost bik.

Tfal, ġie f'idejja artiklu u kien hemm xi ħaġa li veru għoġbitni u nixtieq naqsamha magħkom. Tkun ħaġa sabiħa jekk intom stess taqrawha jew turuha lill-ġenituri tagħkom. Dawn huma punti li tajjeb li naħsbu dwarhom u li żgur jagħmluna l-isbaħ bniedem!

L-akbar ostaklu? ................. Meta tibża'
L- akbar ħaġa li faċli tagħmel? ............. Tiżbalja
L-akbar żball? ........... Meta taqta' qalbek
L-akbar telfa? ........... Meta ċċedi
X'jagħmlek ferħan? ............ Meta tgħin lil xi ħadd
L-akbar rigal? ...........Meta taħfer
L-aqwa arma? ........... Meta titbissem
L-aħjar mediċina? ............ Tkun ottimist
(Tħares lejn is-sabiħ tal-ħaġa jew problema li jkollok)

L-agħar difett? ........... Il-burdati
L-isbaħ jum? ...... Illum
L-aqwa qawwa fid-dinja? ...... Il-fidi



Xi ħsibijiet sbieħ hux tfal?! Tajjeb li naħsbu dwarhom u nżommuhom f'moħħna. B'hekk nibdew inħossuna verament speċjali. Wara kollox Ġesu' hekk iridna nkunu peress li aħna lkoll speċjali għalih. Tfal, sakemm nerġgħu niltaqgħu nawguralkom ħafna ferħ, paċi u suċċessi fil-ħajja tagħkom!

Marie-Claire Cassar Sammut

## Day Trip għal Pompei, Napli u Pietralcina
## <u>3 ta' Dicembru 2010</u>

**Prezz: Tour: €295 (Kbar) €250 (Tfal)**

**Jinkludi: Il-Biljett ta' l-Ajru, It-Taxxi tal-Ajruport u Fuel Surcharge, Breakfast u Pranzu, Transfers: Airport – Pompei – Napli – escursjoni ghal Caserta jew Pietralcina – Servizz ta' Tour Leader**

**Mhux inkluz: Travel Insurance €15, Entratura ghal Reggia di Caserta €6**

**N.B. L-Organizzaturi jirrizervaw id-dritt li jbiddlu il-Programm jew xi parti minnu**

# Formazzjoni Tagħna u ta' Uliedna

## *Il-Ħaddiema taċ-Ċili', Il-Fidi, it-Tama, il-Paċenzja u ħwejjeġ oħra.........*

Naħseb li ftit huma dawk il-persuni madwar id-dinja illi ma segwewx il-ġrajja ta' dawk it-33 ħaddiem tal-minjieri fiċ-Ċili' illi nqabdu madwar 700 metru taħt l-art għal fuq xahrejn sħaħ! L-aħbarijiet Maltin ukoll kienu jwasslulna aġġornamenti dwar l-andament ta' din il-ġrajja, sakemm bi grazzja kbira stajna naraw lil dawn l-irġiel jittellgħu wieħed wieħed u jerġgħu jingħaqdu mal-familji tagħhom. Naħseb li meta segwejna it-tmiem feliċi ta' din il-ġrajja ilkoll qabżitilna xi demgħa, u għalkemm mill-kaxxa tat-televiżjoni, xorta stajna nħossu l-emozzjoni qawwija illi nisslet din l-esperjenza.



Din il-ġrajja lili ġegħlitni nirrifletti fuq diversi ħwejjeġ u ħsibt li dan ix-xahar naqsam ftit minn dawn ir-riflessjonijiet magħkom.

L-ewwel nett laqatni ħafna l-aktar persuna anzjana minn dawn it-33 ħaddiem, li kellu 63 sena. X'ħin ittella' l-ewwel ħaġa li għamel kienet ovvjament li għannaq lill-mara tiegħu, iżda eżatt wara nxteħet għarkobbtejh mal-art, għaqqad idejh ma' xulxin, għalaq għajnejh u għal żewġ minuti reġa' nqata' minn dak kollu li kien qed jiġri madwaru u deher ċar li kien qed jitlob; jirringrazzja 'l Alla illi ħallieh ħaj, illi reġa' ħaddan miegħu lil martu. Kemm rajt maturita' u għerf f'dan ir-raġel – seta' jinjora il-cameras tat-televiżjoni, l-ġurnalisti u saħħansitra l-President sabiex irodd ħajr lil Dak li huwa fuq kulħadd. U staqsejt lilli nnifsi kieku jien kontx inkun kapaċi nagħmel hekk, jew kontx inkun aktar imlebilba biex nerġa' nara l-ħbieb u l-familjari kollha u aktar moħħi f'hiex nirrakonta l-istorja tiegħi!

U ħsibt ukoll kemm huma għaqlin dawk il-ġenituri li lil uliedhom jgħaddulhom dan is-sens ta' umilta' u gratitudni lejn is-Sid ta' Kollox li deher ċar li għandu dan ir-raġel!

It-tieni ħaġa li laqtitni u ġegħlitni nirrifletti kienet kemm hi mportanti t-tama għall-bnedmin. Kieku mhux għax dawn l-irġiel żammew ħajja fihom it-tama, li kieku żgur li ma rnexxielhomx jibqgħu f'sessihom fil-kundizzjonijiet li sabu ruħhom fihom. Iżda huma ttamaw – emmnu li ħaddieħor kien se jagħmel minn kollox biex jgħinhom, u għamlu kuraġġ lil xulxin. U rriflettejt dwar diversi drabi fejn għalkemm kont kważi qjajt qalbi, żammejt ħajja fija t-tama, fittixt l-għajnuna ta' ħaddieħor, u fl-aħħar jien ukoll ħassejt illi ma bqajtx fid-dlam tal-minjiera.

U hawnhekk ukoll ħsibt dwar kemm hu mportanti li l-ġenituri jgħallmu 'l uliedhom jittamaw u mhux jaqtgħu qalbhom, jgħallmu 'l uliedhom jibqgħu sodi u b'saħħithom meta jasal is-saram, u dan il-ħsieb dwar it-tama mill-ewwel qanqal ħsieb ieħor fija – ħsieb dwar il-pażenzja. U rriflettejt dwar kemm ried ikollhom pażenzja dawn l-irġiel sabiex joqogħdu hemm isfel jistennew, jistennew u jistennew.... U jien ħsibt f'dawk id-drabi meta kont fil-kju f'xi ħanut jew il-bank matul dawn ix-xahrejn u bdejt naqbeż għax sibt tnejn min-nies qabli! U ħassejtni nistħi li waqt li jien bdejt ninnervja għax kelli nistenna 10 minuti biex ninqeda, dawn it-33 raġel kienu qed jistennew mingħajr ma jafu humiex se jibqgħu ħajjin, humiex se joħorġu minn dak l-abbiss li sabu ruħhom fih! U erġajt ġibt quddiem għajnejja lil dawk kollha li huma ġenituri u ħsibt xi rwol importanti għandhom, speċjalment fid-dinja mgħaġġla tal-lum, sabiex jgħallmu 'l uliedhom jistennew, jgħallmu 'l uliedhom il-valur kbir li għandha l-paċenzja!

Dan l-avveniment urieni kemm aħna nistgħu nitgħallmu minn dak li jiġri madwarna, jekk aħna nieħdu l-ħin, u noħolqu l-ispazzju fejn inkunu nistgħu nirriflettu – xi ħaġa li forsi fid-dinja tal-lum mhijiex daqshekk faċli, iżda fl-opinjoni tiegħi li tkun kapaċi tirrifletti hija karatteristika indispensabbli sabiex inkunu nistgħu inkomplu nikbru u niżviluppaw tul il-ħajja tagħna. U hawnhekk ukoll għandhom ikunu l-ġenituri l-ewwel illi jħajjru 'l uliedhom jaħsbu u jirriflettu! U kif jgħid il-Malti il-kliem iqanqal imma l-eżempju jkaxkar - u għalhekk jekk irridu 'l uliedna jibdew jaħsbu irridu aħna stess noħolqu dan l-ambjent fid-djar tagħna.

Daniella Zerafa

**Kif naħseb smajtu l-l-iskema tal-Għajnuna għal min hu fil-Bżonn se tkompli wara li waslu xi prodotti mill-Unjoni Ewropea.**
**Kriterji ta' eleġibilita':**

- **Pensjoni tal-eta'**
- **Għajnuna Soċjali**
- **Għajnuna Soċjali għal Xebba Omm**
- **Għajnuna għal min ma jaħdimx**
- **Carers Assistance Pension**
- **Several –mentally handicapped**
- **Għajnuna lill-Għomja**
- **Benefiċċju Speċjali tal-Qgħad**
- **Persuna lil tikkwalifika għall karta r-roża permezz tat-test tal-mezzi**

**Il-benefiċjarji għandhom iġibu ċertofikat maħruġ mill-area offices tad-dipartiment għas-Servizzi Soċjail li permezz tiegħu juru li huma eliġibbli biex jingħataw l-għajnuna. Iċ-ċertifikat għandu jasal għand il-Kappillan u jinżamm għandu.**
**Aktar informazzjoni issibhuwa fuq in-notice board – jew kellmu lil Kappillan**



***Bdew il-Ħajja Nisranija:***

Isaac Vella - 31 ta' Lulju 2010
Elsie Galea - 2 ta' Ottubru 2010
Jayden Micallef - 5 ta' Ottubru 2010



***Ingħaqdu fiz-Zwieġ:***

Elvir Becirovic u Sharon Falzon - 12-6-2010
Matthew Montebello u Ramona Cardona - 30 -7-2010



***Ingħaqdu mal-Mulej fil-Ħajja ta' dejjem***

Melita Debono 16 -7-2010
Peter Sammut 4-9-2010
Luigia Maria Lungaro Mifsud 27-9-2010
Salvina Micallef 2-10-2010